# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 411/2020/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Antoine Gauci**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Antoine Gauci**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 123175(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar it-18 ta' Lulju 2020 għall-ħabta bejn 06:00hrs u 08:30hrs fi Triq Burmarrad, Naxxar u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. ikkommetta serq ta' moħriet ta' *tractor* (Sikka) liema serq jammonta għall-madwar €2000 għad-dannu ta' Alexander Vassallo u/jew ta' persuni oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-

valur u bil-lok li ma jeċċedix l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

2. fl-istess jum, lok u ċirkostanzi u fil-ġranet jew xhur ta' qabel naqas milli jinforma lill-Pulizija fi żmien 3 ijiem bi ħwejjeġ li sab u li kienu naqsu lil persuni oħra jew li kienu tilfu;

3. ukoll talli bejn it-18 ta' Lulju 2020 u t-03 ta' Awwissu 2020 f' dawn il-Gżejjer laqa' għandu ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor indaħal biex ibigħhom jew imexxihom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Ġunju 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 261(ċ)(e), 269(ċ), 279(a), 340(ċ) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih u kkundannatu piena ta' prigunerija ta' tmien (8) xhur ħabs li bl-applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ġew sospiżi għal żmien tmintax (18)-il xahar minn dakinhar li ngħatat is-sentenza. *A tenur* ta' Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabilita' tiegħu taħt Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv tas-sentenza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija. L-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet peress li qalet li dawn huma alternattivi għall-ewwel imputazzjoni li tagħha l-imputat instab ħati.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-15 ta' Ġunju 2022 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tordna l-modifika tas-sentenza fuq indikata fl-ismijiet premessi billi filwaqt li għandha tikkonfermaha fejn l-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u tielet imputazzjoni fl-istess ħin tħassarha fejn sabitu ħati ta' l-ewwel imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena jew fl-agħar ipoteżi għall-appellant tinfliġġi fuqu piena ferma anqas gravuża minn dik inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appellant ġie akkużat b'numru ta' imputazzjonijiet u huwa nstab ħati mill-Ewwel Qorti b'serq aggravat bil-valur u bil-lok. Jirriżulta li l-*parte civile* Alexander Vassallo stqarr li ġralu ħsara fit-*tractor* waqt li kien qed isuq viċin ta' żona industrijali fejn inqalgħatlu s-sikka minn postha. Huwa ħalla s-sikka mal-ħajt u baqa' sejjer bit-*tractor* għat-tiswija u sussegwentement is-sikka ma nsabitx u b'hekk għamel rapport lill-Pulizija fejn minn investigazjoni li saret is-sikka nstabet għand l-appellant. L-appellant stqarr li huwa ħaseb li s-sikka kienet mormija u kien għalhekk li ħadha. Jingħad li hu żebagħ is-sikka u qabbadha mat-*tractor* tiegħu.

Illi l-aggravju tal-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu huwa li f'dan il-każ ma hemmx l-elementi neċessarji sabiex jissussisti r-reat ta' serq u dan minħabba li hawn si tratta ta' *res derelictae* u għalhekk hemm nieqes l-element tal-*mens rea.* Jgħid li hu ħaseb li s-sikka kienet mormija tant li fil-post fejn sabha hija żona industrijali fejn ġie li ra oġġetti mormija fejn *skip* li tidher fir-ritratti eżebiti quddiem l-Ewwel Qorti. Għaldaqstant, fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jitlob li din il-Qorti tħassar is-sejbien ta' ħtija tiegħu mill-Ewwel Qorti fl-ewwel imputazzjoni u fin-nuqqas jitlob tnaqqis fil-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

**Ikkunsidrat**

Illi r-reat li l-appellant instab ħati tiegħu f'dan il-każ huwa dak ta' serq. Id-definizzjoni ta' serq li ġiet adottata mill-ġurisprudenza Maltija hija dik mogħtija mill-Carrara u li fiha tirrifletti l-elementi kollha tas-serq jiġifieri l-kontrettazzjoni doluża ta' oġġett li jappartjeni lil ħaddieħor akkwiżit b'mod frawdolenti bil-ħsieb li jagħmel il-qliegħ mir-*res furtiva* ċioè *"La contrettazione dolosa della cosa altrui fatta invito domino con animo di farne lucro."*

Illi fin-Noti tiegħu "Notes on Criminal Law", Professur Anthony Mamo jgħid li din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita' ta' ħames elementi li lkoll iridu jiġu sodisfatti sabiex persuna mixlija b'serq tkun tista' tiġi misjuba ħatja. Dawn l-elementi huma s-segwenti:

- *The contrectatio of a thing;*
- *belonging to others;*
- *made fraudulently;*
- *without the consent of the owner;*
- *animo lucrandi.*

Illi t-tifsira tal-*contrectatio* kif mistqarra minn Carrara tqis li s-serq ikun kompletat mal-mument li l-ħalliel ikun qiegħed idu fuq l-effett mobbli li huwa jkun irid jisraq u jkun ċaqlaq dak l-oġġett bil-ħsieb li huwa jneħħieh u jieħdu miegħu lil hemm mill-post fejn kien jinstab u fejn sidu jkun ħallieh. Il-Professur Anthony Mamo jgħid hekk fin-Noti tiegħu (*a fol.* 273):

> *"According to Carrara's doctrine a theft is complete and not merely attempted although the thing removed from the place where the owner left it, is put by the thief in some other place in the same room".*

Illi minbarra din id-definizzjoni hemm ċ-ċirkostanzi aggravanti ta' serq elenkati f'Artikolu 261 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ, l-appellant ġie mixli bis-serq ikkwalifikat bil-valur u bil-lok. Huwa jikkontendi li ma setgħax jinstab ħati mill-Ewwel Qorti peress li sab is-sikka mertu ta' dan il-każ f'ċirkostanzi fejn deher li kienet abbandunata jew li ma tappartjeni lil ħadd.

Illi din il-Qorti taqbel mad-dottrina u ġurisprudenza assodata li ma jintegrax ir-reat ta' serq meta xi ħadd japproprja ruħu minn *res nullius* jew *res derelictae*. Jekk persuna tapproprja ruħha minn oġġett li jkun instab f'ċirkostanzi li juru li dak l-oġġett kien abbandunat minn sidu ma jistax jitqies li jkun twettaq ir-reat tas-serq. Minkejja dan, jekk fil-mument tal-att ta' approprjazzjoni ċ-ċirkostanzi juru li l-oġġett ikun *res aliena* u għalhekk li jkun hemm persuna li tkun għadha tippossjedi dan l-oġġett f'dak il-mument, allura l-persuna li tapproprja ruħha minn dan l-oġġett mhux tagħha, mingħajr dritt fuqu u mingħajr il-kunsens tal-persuna li tkun tippossjedih, tikkommetti s-serq tal-istess oġġett.

Illi biex l-oġġett ikun jista' jitqies li huwa *res derelictae* dan l-oġġett irid jinstab f'ċirkostanzi tali li juru b'mod li sidu intenzjonalment ma riedx aktar li dan l-oġġett jibqa' fil-partimonju tiegħu u b'hekk ikun abbandunah b'mod inekwivokabbli u irrevokabbli. Jekk minħabba l-post fejn ikun jinstab oġġett jew minħabba l-qagħda u l-kondizzjoni tiegħu, wieħed jista' jifhem li dan l-oġġett ma kienx abbandunat, iżda li jista' jkun hemm xi ħadd li jkun għadu, b'xi

mod, jippossjedih jew li għandu l-kontroll fuqu, u persuna li ma jkollhiex jedd għal dak l-oġġett tapproprja ruħha minnu, din tkun passibbli għar-reat tas-serq. Biex din il-persuna tkun tista' teskolpa ruħha mir-responsabilita' għar-reat ta' serq ta' dan l-oġġett, hi trid turi li ċ-ċirkostanzi ġenwinament ġegħluha temmen li l-oġġett li kienet approprjat ruħha minnu kien abbandunat minn sidu jew li kien oġġett ma jappartjeni lil ħadd.

Illi biex oġġett jitqies li jkun abbandunat u li għalhekk ma hu ta' ħadd, irid jintwera li l-oġġett kien ġie abbandunat minn sidu b'mod li ċ-ċirkostanzi jkunu juru li sidu neħħa minn idejh il-pussess tal-oġġett u li jkun irrinunzja għall-jedd ta' sid fuq l-istess oġġett. Jekk dawn iċ-ċirkostanzi ma jirriżultawx allura jkun jista' jikkonfigura r-reat ta' serq. Dan peress li l-element formali fir-reat tas-serq jeħtieġ l-għarfien tal-aġent li japproprja ruħu, ossia jikkontretta dolożament il-proprjeta ta' ħaddieħor. Huwa biss l-iżball ġenwin li jista' jitnissel meta ċ-ċirkostanzi jkunu juru, b'mod ċar u inekwivokabbli li l-oġġett kien abbandunat minn sidu jew li l-oġġett kien jappartjeni lilu, li din l-intenzjoni ma titqiesx integrata. Eżempju li juri meta jista' jkun hemm dan l-iżball ġenwin huwa meta l-oġġett ma jitteħidtx bil-moħbi, jew inkella meta dak li jkun ma jippruvax jaħbi li huwa ħa dak l-oġġett.

Illi jkun opportun li ssir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Gianluca Carabott** (Numru 205/2019) mogħtija fit-23 ta' Ġunju 2020 minn din il-Qorti diversament preseduta li għamlet riferenza għas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Patrick Xuereb et** fejn ingħad hekk:

> "Hu paċifiku fil-ġurisprudenza li min isib oġġetti f'post pubbliku f'ċirkostanzi tali li wieħed jista' jifhem li dawk l-oġġetti mhumiex abbandunati u japproprja ruħu minnhom, jikkommetti serq."

**Ikkunsidrat**

Illi l-appellant ma jiċħadx li huwa ħa s-sikka iżda jgħid li huwa nieqes l-element tal-*mens rea* li kkommetta r-reat ta' serq. Mill-

banda l-oħra, il-Pulizija waslu li l-persuna li ħadet is-sikka kien l-appellant peress li Alexander Vassallo għamel rapport u minn kameras tas-CCTV li kien hemm fil-post ġie nnutat trakk bin-numru ta' reġistrazzjoni BBJ 278 fejn persuna niżlet minn dan it-trakk u marret tara l-apparat u ftit tal-ħin wara l-istess persuna mar bi *tractor*, qabbad l-apparat miegħu u baqa' sejjer bih. Wara rriżulta li dan il-persuna kien l-appellant.

Illi mhuwiex kredibbli dak li ngħad mill-appellant fl-isqtarrija (Dok. "KV 1" – *a fol.* 53 *et seq.*) rilaxxata minnu lill-Pulizija u kif ukoll dak li qal fir-Rikors tal-appell tiegħu meta qal li huwa ħaseb li s-sikka kienet mormija. Il-verżjoni tal-fatti rakkuntata mill-appellant mhijiex verosimili. Għalkemm is-sikka kien tħalliet waħidha, l-appellant seta' faċilment jara li din ma kinitx ġiet mormija minn xi ħadd speċjalment meta jiġi kkunsidrat li mbagħad hu żebagħha b'dan illi r-raġuni mogħtija minnu għala żebagħha anqas hija waħda kredibbli tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Dan ixejjen dak li ngħad fir-Rikors tal-appellant meta ngħad li fiż-żona fejn instabet is-sikka hemm *skip* u huwa ġie li ra oġġetti mormija fejn hemm l-i*skip*.

Illi għandu jingħad ukoll li l-azzjoni tal-appellant kienet waħda li saret bil-ħeffa. Huwa ma għamel ebda sforz biex jagħmel verifiki sabiex jara jekk din is-sikka kinitx ta' xi ħadd fil-viċinanzi qabel ma huwa ħadha miegħu. Minn dan kollu jirriżulta kemm f'moħħ l-appellant is-sikka ma kinitx *res derelictae*.

Illi kwantu għall-*animus lucrandi* l-ġurisprudenza rriteniet illi l-qliegħ jista' jieħu diversi forom u mhux neċessarjament wieħed li jissarraf fi flus. Di fatti fis-sentenza mogħtija fis-26 ta' Marzu 2015 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Balzan** (Numru 335/2014), din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "L-appellant jargumenta illi huwa ma ħa xejn minn dan it-tbagħbis peress illi l-kont tad-dawl kien f'isem is-soċjeta' u *se mai* kienet l-istess soċjeta' illi ħadet xi benefiċċju. Ovvjament dan l-argument ma jistax ireġġi. Meta l-awturi jitkellmu dwar profitt ġej mis-serq dan qed

> jgħiduh bl-aktar mod wiesgħa tal-kelma u mhux bilfors ikun profitt f'termini monetarji iżda biżżejjed ikun fl-aktar termini ġeneriċi ta' gwadann, liema gwadann m'għandux għalfejn ikun personalment tal-persuna konċernata iżda anke għal ħaddieħor inkluż soċjeta' ta' responsabilita' limitata bħalma hu f'dan il-każ."

Illi l-fatt li l-appellant kien fil-pussess tal-oġġett in kwistjoni għal ċertu ħin kien biżżejjed biex jissodisfa l-*animus lucrandi*. B'hekk, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, mingħajr tlaqlieq ta' xejn, din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appellant jitlob ukoll li tiġi nflitta piena anqas gravuża minn dik inflitta mill-Ewwel Qorti. Il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. […] Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li

> huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena."

Illi l-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u tagħmlu tagħha u żżid tgħid li minkejja li Alexander Vassallo stqarr li huwa ma kellux aktar interess jipproċedi kontra l-appellant u rrinunzja għal dak kollu li hu rinunzjabbli jibqa' l-fatt li l-appellant ma wera l-ebda rimors għal dak li għamel. Fiċ-ċirkostanzi, tenut kont ta' dan kollu u ta' dak li jirriżulta mill-atti proċesswali, il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għala għandha tvarja l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Antoine Gauci u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**